# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 17 — IL-ĦAMIS, 15 TA' LULJU, 1943. — Nru. 17


# KELMTEJN MILL-EDITUR

## Nimxu mal-Progress

IŻJED ma jgħaddi żmien, iżjed wieħed jinduna illi bl-invenzjonijiet li ta' spiss jidhru, il-pajjiżi tad-dinja qegħdin donnhom dejjem jersqu qrib xulxin. Dak il-bogħod li dari kien jaqta' qalb kulħadd issa qed jitqassar bis-saħħa ta' l-ajruplani. Ukoll f'pajjiżna, kulħadd jiftakar kemm kont trid biex tmur sal-Mellieħa. Issa bit-trasport modern trid biss ftit minuti u b'hekk raħal ġie iżjed qrib l-ieħor u l-postijiet iżjed qrib xulxin.

X'ifisser u x'għad jista' jfisser dan għalina u għall-biedja tagħna? Dan ifisser illi l-prodotti ġew ukoll qrib xulxin, u kull wieħed jista' malajr jasal fl-art ta' l-ieħor, jiġifieri illi wara l-gwerra il-kompetizzjoni fil-prodotti tar-raba' sejra tikber u aħna jinħtiġilna niġbru l-għaqal kollu tagħna biex inqiegħdu darna fl-ordni u nippreparaw ruħna biex nikkompietu ma' pajjiżi oħra jew għallinqas li nżommu l-posizzjoni tagħna tajba kontra xi konkorrenza li tista' tidher minn pajjiżi oħra fis-swieq tagħna jew fejn konna jew ikollna nibagħtu l-prodotti tagħna.

Il-bdiewa ta' Malta u Għawdex kienu dejjem imqassmin fi tnejn, a) l-għaqlin li dejjem lesti biex jisimgħu l-pariri tajba u, b) l-indifferenti li ma jridu jafu b'xejn u li jidhrilhom li għandhom jibqgħu mixjin fuq dak li kienu jagħmlu nannijiethom fl-antik! Il-bidwi għaqli jgħidlek illi aħjar nibdew mil-lum nirranġaw l-affarijiet tagħna għaliex l-opportunità li nirnexxu l-lum hi ikbar. Imħabba l-indifferenza ta' xi wħud m'għandux ibati kulħadd! Jekk għad hemm min għandu rasu marbuta u ma jridx jisma' allura jkun jinħtieġ li jew inġagħluh jisma' bil-fors, jew jekk ma jridx, allura jaqbel li jagħmel il-wisa' għall-bidwi li hu iżjed progressiv. Fid-dinja tal-lum ma hemmx twaqqif: jew timxi 'l quddiem ma' l-oħrajn jew tibqa' lura *waħdek*.

## Is-Swieq

Jinħtieġ, għaldaqshekk, li aħna nibdew biex nitgħallmu nibagħtu l-prodotti tagħna kifinhu xieraq fis-suq, u dan jinħtieġ illi nibdew nagħmluh mil-lum. Bosta huma li ġà tgħallmu jagħmlu dan ix-xogħol bil-għaqal, iżda mħabba xi wħud li ħsiebhom biss biex iqarrqu bix-xerrej, ma' dawn jeħlu l-bdiewa kollha. Jinħtieġ, għaldaqshekk, li mhux biss nagħmlu aħna, iżda wkoll inġagħlu lill-oħrajn jagħmlu bħalna.

Is-swieq jitolbu li l-bidwi jitgħallem sewwa l-gosti ta' min irid jixtri l-prodotti tagħna. Intom tindunaw illi fis-swieq ta' affarijiet oħra, mhux tal-biedja, isir studju kbir biex jippruvaw li dawn il-ħwejjeġ jagħmluhom b'mod li jħajru l-għajnejn tax-xerrej, għaliex, kif igħidu, l-ewwel ma tiekol l-għajn, u jagħmluhom skond il-gostijiet u l-kumdità tax-xerrej. Kieku inti kont imħajjar tiftaħ ħanut, inti l-ewwel tara l-klijenti tiegħek x'iridu u x'jogħġobhom l-iżjed. Jekk inti ssib illi huma jixtru iżjed kpiepel tal-feltru, ikun inutili illi titgħabba bil-kpiepel tar-ross. Fil-biedja l-istess ħaġa. Jiħtieġlek tistudja l-gosti tal-konsumatur u jekk hemm xorta ta' prodotti li lilu jogħġbu iżjed minn kwalità oħra, inti għandek tikkultiva lilhom. B'hekk inti tiżgura l-bejgħ tal-prodotti bi prezz tajjeb.

Il-lum għadu wisq kmieni biex wieħed jistudja s-swieq ta' barra. Hadd għadu ma jista' jgħid fiż-żgur x'sejjer isir wara l-gwerra u liema swieq sa jkunu miftuħin għalina. Iżda wkoll jekk aħna għal xi żmien ikollna bżonn li nżommu l-prodotti tagħna għalina, ikun jinħtieġ illi aħna nikkultivawhom sewwa biex ma nagħtux wisa' lill-prodotti ta' artijiet oħra jeħdulna l-ewwel post f'pajjiżna stess. B'hekk ukoll aħna nkunu lesti għal meta jinfetħu s-swieq ta' barra għas-safar tal-patata u prodotti oħra.

## Ko-operazzjoni

Biex din il-ħaġa timxi sewwa jkun jinħtieġ illi aħna jkollna "il-Għaqdiet Ko-operattivi", jiġifieri għaqdiet tal-bdiewa immexxija kif jixraq u skond ma jitlob iż-żmien, biex ikunu jistgħu jinġemgħu l-prodotti tal-bdiewa u jitressqu fuq suq tajjeb u f'kondizzjoni kif jitlob dak is-suq. L-Għaqdiet Ko-operattivi huma magħmula mill-bdiewa stess għall-ġid tal-bdiewa stess.

L-iktar pajjiż li kien minn ta' l-ewwel li fforma għaqdiet u li fuqu mxew ħafna l-Għaqdiet K-operattivi hu d-Danimarka. Dan il-pajjiż kellu fuq il-5,000 għaqda ko-operattiva li minnhom kien hemm 1,000 fabbriki għall-bejgħ tal-ħalib, 40 fabbrika tal-"Bakon", u ħafna frieġħi oħra għal xogħol ieħor kollu ta' għajnuna għall-bdiewa u familji tagħhom, fost dan, it-tagħlim u l-edukazzjoni tat-tfal tal-bdiewa. L-esportazzjoni tal-prodotti tal-biedja kienet issir minn frieġħi apposta ta' dawn il-għaqdiet li kienu allura jieħdu ħsieb dak kollu li kien ikun jinħtieġ u javżaw lill-bdiewa xi prodotti għandhom jikkultivaw.

Dawn il-Għaqdiet jinsabu l-lum fil-pajjiżi kollha ċivilizzati, u għandhom kollha l-Banek tagħhom għas-self ta' flus li l-bdiewa jista' jkollhom bżonn. M'għandniex xi ngħidu, aħna f'pajjiżna jkollna nagħmlu kollox iżjed fiċ-ċokon u naddattaw l-Għaqdiet skond il-ħtieġa li jkun hemm. Iżda billi pajjiżna hu żgħir m'għandniex naqtgħu qalbna li nibdew inwaqqfu dawn il-Għaqdiet Ko-operattivi, l-żjed jekk ikollna, bħalma nittama li jkollna, l-għajnuna tal-Gvern. Xi għaxar snin ilu, is-Sur Karm Zammit Marmarà kien ipprova jwaqqaf dawn il-Għaqdiet Ko-operattivi, imma pajjiżna kien għadu mhux lest biż-żejjed biex jibda jwaqqaf għaqdiet minn dik ix-xorta.

Kull meta kienet tkun sa tibda xi ħaġa ġdida f'Malta u Għawdex dejjem kont issib lil xi nies li jagħżu fin-nofs u jgħidulek: "Aħna żgħar wisq, ma nistgħu nagħmlu xejn". —Dan ma hux veru. Aħna nistgħu nagħmlu bħal pajjiżi oħra, jekk aħna żgħar nagħmluhom fiċ-ċokon, iżda ma hemm l-ebda raġuni l-għala m'għandniex inkunu bħal pajjiżi oħra. Aħna nistgħu nagħmluhom u NAGĦMLUHOM ŻGUR! La tħallux li dak id-diskors "*għax aħna żgħar*" idewwem iżjed il-progress tagħna. XEJN M'GĦANDU JFIXKILNA.

Il quddiem għad nitħaddtu fit-tul dwar dan il-proġett, u aħna għandna nħejju ruħna—meta jasal il-waqt—biex nibdew dan ix-xogħol meħtieġ bi ħrara qawwija. Il-biedja ta' Malta u Għawdex jinħtieġ tgħaddi 'l quddiem. Jinħtieġ li l-bidwi wara l-gwerra jibda ħajja ġdida, ħajja xierqa f'din il-Gżira tal-"George Cross", ġawhra tal-kbir Imperu Ingliż.

# IL-LIĠIJIET TAL-GWERRA U L-GVERN

## Dmir li nobdu l-liġijiet

FL-AHHAR għadd ta' "Il-Bidwi" tkellimna dwar il-ħtieġa li hemm li l-Gvern jikkontrolla l-fabbriki kollha u l-produzzjoni ġenerali tal-affarijiet ta' l-ikel u ta' ħwejjeġ oħra. Il-Gvern jiħtieġ li jiżgura illi dak li jkun meħtieġ għall-poplu ma jonqosx, u li ma jinħeliex iż-żmien tan-nies u tal-fabbriki biex jaħdmu affarijiet li ma jkunux meħtieġa. Dan ikun hemm bżonn li jsir biex il-Gvern igħin għar-rebħa tal-gwerra.

Aħna fissirna illi bosta liġijiet ma jistgħux jogħġbu lill-poplu, anzi l-biċċa l-kbira jkunu wkoll kontra x-xewqa tal-Gvern. Imma jekk ikun għall-ġid, jiħtieġ isiru, u la jiħtieġ isiru, jiħtieġ ukoll—fl-interess ta' Pajjiżna u tagħna —li aħna nobduhom mingħajr tgergir.

Il-lum hu diffiċli ħafna biex wieħed jifhem ta' liema ħsara tkun għalina kieku l-Ingilterra u l-Alleati tagħha jitilfu l-gwerra. Kultant tiltaqa' ma' xi wieħed gustus ħafna li jgħidlok: "Aħna qatt ma ridna gwerra u ma għandniex inbatu aħna." Dan it-tali bla dubju ta' xejn ikun wieħed minn tal-"ħames kolonna", u malajr tistgħu taraw jekk hux hekk billi tħarsu lejn l-attivitajiet tiegħu qabel il-gwerra. Dan imissu jkun l-ewwel wieħed li jista' jifhem kemm hi sabiħa l-libertà li qiegħed igawdi, għaliex kieku jgħid kliem bħal dak f'pajjiż tal-għadu, kien jiġi minnufih mitfugħ f'"Concentration Camp" jew inkella kien jiġi xkubettjat.

## Jiħtieġ nissabbru

L-Ingilterra qatt ma riedet gwerra, u aħna niftakru tajjeb ix-xhur ta' qabel il-gwerra kemm l-Ingilterra sabet ruħha marsusa u kemm tħabat il-Prim Ministru Ingliż Chamberlain biex jiskansa l-gwerra. Il-gwerra ġiet mitfugħa fuq l-Ingilterra u l-Alleati tagħha, u aħna bħalha, pajjiż taħtha, kellna nieħdu sehem fiha.

Mela kliem fieragħ m'għandniex għalfejn nisimgħuh, anzi lanqas ma għandna nippermettuh jingħad quddiemna. Jekk il-Gvern jagħmel xi ordni li aħna jidhrilna li setgħet issir aħjar, ma jkun hemm l-ebda ħsara jekk aħna ta' rġiel nagħmlu l-proposti tagħna, iżda jekk il-Gvern ma jkunx jista' jbiddilha għandna nifhmu d-diffikultajiet u naċċettawhom bis-sabar, anzi għandna iżjed naħdmu bil-ħrara biex infittxu nressqu lejna l-jum tar-rebħa u hekk neħilsu mill-ħafna gwaj li xeħtu fuqna d-dittaturi.

Għandna niftakru wkoll li l-gwerra ma hix għal dejjem, u li hu dmir sagru tagħna bħala Nazzjon *żgħir*, imma onest, li ngħinu bil-ħila kollha tagħna lill-Ingilterra, biex din tkun tista' tiftakar dak li għamilna aħna bil-kuraġġ u bis-sabar, u bit-tbatija, u hekk tkun tafulna wara l-gwerra meta tkun tista' tħallina ngawdu sehemna magħha mir-rebħa, u meta ħutna l-Maltin li jinsabu f'artijiet oħra, ikunu wkoll stmati kif jixirqilhom wara s-sagrifiċċji tagħna.

Aħna għamilna l-parti tagħna fi żmien l-assedju — fl-agħar żmien; ejja immela ma nitilfux ix-xogħol sabiħ tagħna b'xi ħaġa ħażina li nagħmlu, issa jew 'il quddiem, meta ż-żmien hu aħjar u meta s-sagrifiċċji li jistgħu jintalbu minn għandna jkunu forsi wisq inqas minn dak li diġà għamilna. Ejja ma nħallux lil xi wħud minn tal-"ħames kolonna", hekk għajjurin għall-ġieħ li ksibna, li jfittxu bil-kliem fieragħ tagħhom li jtellfulna l-għoli li fih ninsabu.

## Iż-żrigħ tal-Qamħ

Is-sena l-oħra l-Gvern ordna li nofs ir-raba' tagħna għandu jinżera' qamħ. Il-bdiewa kellhom raġun jgħidu li qamħ ma jistax jinżera' fuq qamħ, u li xi raba' ma kienx addattat għal dan. Dan kien tabilħaqq hekk, iżda s-sitwazzjoni li konna fiha kienet titlob li jsir hekk, u għaldaqstant il-Gvern, bir-raġun kollu u fl-interess tal-poplu, ordna li dan isir.

Biċċiet mill-bdiewa ma obdewx din l-ordni. Dak kien żball oħxon. Il-Gvern, l-iżjed fi żmien il-gwerra, ma jistax jagħmel ordni u ma jġagħalx li n-nies tobdiha. Ikunu liġijiet taċ-ċajt jekk wieħed jagħmilhom u mbagħad iħalli lill-kulħadd jagħmel li jrid mingħajr ma jieħu passi kontra dawk li jiksru l-liġi. Aħna persważi li l-bdiewa stess, *li huma rġiel u onesti*, dana għandhom jifhmuh.

Fl-aħħar laqgħa tal-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa, ir-rappreżentanti tar-rħula talbu li din is-sena l-qamħ ma jiġix ordnat li jinżera' bħas-sena l-oħra, jiġifieri illi nofs ir-raba' jinżera' qamħ. Il-Gvern studja t-talba tagħhom u ra li għandhom raġun. Biex tiżra' qamħ fuq qamħ l-ewwel sena hu ħażin, imma qamħ fuq darbtejn qamħ ikun wisq agħar. Għaldaqstant, il-Gvern laqa' t-talba tal-Għaqda tal-Bdiewa u aċċetta li din is-sena huma jiżirgħu mhux inqas minn terz (mit-tlieta waħda) tar-raba' tagħhom qamħ jew xgħir. Il-Gvern jittama li dawk li jistgħu jagħmlu iżjed minn terz jagħmluh. Iżda *dawk il-bdiewa li s-sena l-oħra ma obdewx il-liġi u ma żergħux nofs ir-raba' tagħhom qamħ, allura din is-sena jkunu tabilfors obbligati jiżirgħu nofsu.* Din hija ħaġa sewwa u tal-ħaqq. Il-bdiewa li obdew il-liġi s-sena l-oħra żergħu qamħ fuq qamħ kontra dak li titlob in-newba. Dawk li ma għamlux hekk, għandhom jagħmluh din is-sena biex ikunu ndaqs mas-sagrifiċċju li għamlu l-bdiewa sħabhom, u jgħinu biex ikollna l-qamħ meħtieġ fil-pajjiż.

Dwar affarijiet jew prodotti oħra l-Gvern biħsiebu jħalli f'idejn il-bdiewa; biss, barra dak li għedna hawn fuq, il-Gvern jordna li dawk li għandhom raba' bid-dwieli għandhom bejn id-dwieli jiżirgħu jew ful, jew kaboċċi Ingliża.

*Dawn huma l-ordnijiet kollha li l-Gvern sejjer joħroġ din is-sena* dwar l-uċuħ tar-raba' li għandhom jiġu ikkultivati.

## L-Imġiba tal-Gvern

Bħal ma għedna qabel, il-Gvern għandu dejjem jordna li jsir dak li hu meħtieġ għall-poplu, bħalma missier jordna li jsir dak li jinħtieġ għall-familja kollha. Il-Gvern jipprova li jfisser bil-kelma t-tajba dak li jinħtieġ, iżda jekk ma jsirx dak li jwissi hu, ikollu jordna li jsir bil-fors. Missier li jara 'l ibnu sejjer jiekol jew jagħmel xi ħaġa li mill-esperjenza tiegħu jaf tajjeb li sejra tagħmillu ħsara, allura hu ma jħallihx jagħmilha. Jekk jara li hu jinsisti, ngħidu aħna, li jiekol ħaġa velenuża u ma joqgħodx għall-parir ta' missieru, missier tajjeb ma jgħidx "ħallih jagħmel li jrid la ma jridx jisma", iżda jgħid: "Jien naf tajjeb li dik sejra tagħmillek il-ħsara u bħala missierek obbligat li ma nħallikx". Jikkastigah jekk hemm bżonn, imma ma jħallihx jagħmilha. Meta missier jagħti kastig lil uliedu, il-moral tiegħu ta' missier isofri iżjed minnhom, imma missier tajjeb jagħmlu għax jaf li jekk ma jagħmlux, it-trobbija tkun ħażina u wliedu stess *meta jkunu jistgħu jifhmu l-iżball tagħhom jiħtu lill-missier li ma għamilx dmiru.* Il-posizzjoni tal-Gvern hi l-istess ħaġa.

Mela naħdmu id f'id. Nobdu l-liġijiet tal-gwerra mingħajr tgemgim, biex wara l-gwerra nsibu l-Gvern jaqbeż għalina f'dak li jkollna bżonn.


**AVVIŻ LILL-BDIEWA GĦAWDXIN**

**Ngħarrfu lill-bdiewa Għawdxin li dis-sena sejra wkoll issir wirja f'Għawdex bħal dik li soltu kienet issir f'Santa Marija. Il-bdiewa dis-sena sejrin ikollhom iċ-ċans iżjed minn snin oħra li juru li huma l-veri bdiewa famużi fil-koltivazzjoni tar-raba'. Il-wirja sejra tkun waħda mill-kbar. LESTU BIEX TURU L-PRODOTTI TAGĦKOM.**

**Iżjed tard tingħata informazzjoni iżjed fit-tul, fejn nsemmu l-jum, il-post u l-ħinijiet tal-wirja.**

**NIBDEW ILLESTU MIL-LUM.**

## FUQ IZ-ZUNTIER

### PEPPI U TONI

PEPPI.—Bonġu, Ton. Kif qed tissaporti f'dik ix-xemx?

TONI.—X'minnek Pepp.

PEPPI.—Isma' Ton; l-aħħar li ltqajna kellimtni fuq il-bergħud; il-bierah kont ma' Natu ta' Pejpex u qalli li l-ħmiemel li kellu tal-kromb kollha irrovinahomlu l-bergħud.

TONI.—Iva, Pepp. F'xi naħħiet il-bergħud tal-ħmiemel ħadem ħafna, iżda kieku wieħed ħasiblu kmieni u bexx bil-Katakilla kien jeqirdu għal kollox.

PEPPI.—Iva, imma, ngħid jien, xi tbixx bil-"killa"? Għax kull bidwi jkun qalil kontrih żgur.

TONI.—Għedtlek tbixx bil-"katakilla"... Il-"Katakilla" hu velenu kontra l-bergħud tal-ħxejjex u jinxtara f'pakketti.

PEPPI.—Eh... eh! Issa fhimt.

TONI.—Imma, il-bergħud li kont qed inkellmek l-aħħar darba fuqu hu xort'oħra. Hu dak li l-bdiewa jgħidulu *nemus* li jidher ħafna fuq il-qara', u bħal daż-żmien issibu wkoll fuq ir-rimi tari tas-siġar tal-ħawħ.

PEPPI.—Narrak imbierek, kont sa nistaqsik fuqu. Dak li jmiss il-weraq tal-friegħi torja u l-weraq jitgerbeb bih?

TONI.—Kollu kemm hu!

PEPPI. Allura, Ton, dak ukoll trid tbixxu bil kill... bil killakilla......

TONI.—Bil-"Katakilla"... "Katakilla""! Iva, tajjeb ukoll, imma dak hemm velenu ieħor li hu tajjeb ħafna għalih. Madankollu, hemm ħafna xorta ta' velenijiet, imma jrid ikun fuq bażi ta' Nikotina. Mimli mgħarfa kull gallun ilma u tbixx bih.

PEPPI.—Allura, tixħet il-Kokotina mill-ewwel fl-ilma......

TONI.—U x'kokotina ta' ruħ ommok.

PEPPI.—Mhux int għedtli?

TONI.—Għedtlek irid ikun velenu tan-Nikotina. Ma tistax tgħid sewwa sew kif tużah għax hemm ħafna xorta, iżda fuq il-flixkun ikun hemm dejjem miktub kif għandek tużah.

PEPPI.—Sewwa wisq. Allura dan ikun tajjeb għall-bergħud tal-qara', tal-bħajra u tas-siġar.

TONI.—Iva, Pepp... għall-bergħud tal-prodotti kollha.

PEPPI.—Grazzi wisq, Ton. Illum irrid immur ħalli nigbor ftit ħaxix għall-fniek għax għandi fenka għadha kif kellha sebgħa u mingħajr ħaxix naħseb li jmorru ħażin.

TONI.—Il-ħaxix dejjem tajjeb...... tinsiex l-ilma.

PEPPI.—L-ilma għalfejn?

TONI.—Biex il-fniek jixorbu!

PEPPI.—Din smajtha darb'oħra, imma ma tistax tinżilli taf, Ton, u wkoll Katrin tiegħi qaltli biex ma nagħtux kas ta' dan, għax jekk intihom l-ilma jintefħu.

TONI —Il-fniek jiħtiġilhom l-ilma sewwa sew bħal annimali oħra, imma fenka biex tradda' jiħtiġilha l-ilma fixxitwa, aħseb u ara fis-sajf.

PEPPI.—Ma nafx, Ton...... Ma nafx...... Katarin tiegħi tifhem fil-fniek, għax il-ġimgħa l-oħra għamliti ftit brunċell biz-zalza tagħhom, domt nilgħaq xufftejja ma nafx kemm!

TONI.—Isma' minni... l-ilma hu meħtieġ......

PEPPI.—Meta d-darba l-oħra għedtli, kont sibt lenbija żgħira, imlejtha bl-ilma u wara minuta li qegħedtilhom, daħlet Katarin u' tafagħthieli għal rasi......

TONI.—Saħħa Pepp.

PEPPI.—Saħħa Ton.

## AVVIŻI

**TQASSIM TA' NOĦĦALA U SMIDA GĦALL-BHEJJEM.** — Id-Dipartiment tal-Biedja qiegħed iqassam in-noħħala u s-smida lil dawk il-bdiewa li għandhom il-majjali u l-baqar. Il-bdiewa għandhom jibżgħu għal dan il-ġwież u ma jaħluhx f'daqqa. Dan il-ġwież qiegħed jitqassam f'daqqa għaliex il-Gvern m'għandux fejn jaħżnu. Wara ftit xhur il-kwantità tista' tonqos jew tispiċċa. Il-bdiewa għandhom ikunu jafu li dan mhux razzjon ta' ġwież regulari bħal taxxgħir, u għandhom jikkalkulaw li l-kwantità li lilhom tingħata b'dan il-biljett għandha sservihom biex biha jitimgħu għal sitt ġimgħat jew xahrejn.

Nirrikkmandaw li l-bdiewa li għandhom il-biljett ta' dan il-ġwież ifittxu jmorru jieħdu r-razzjon tagħhom għaliex il-Gvern m'għandux fejn iżomm dan il-ġwież għal żmien twil. Minn hawn u ftit ieħor jarġa' joħroġ razzjon ieħor.

**XOGĦOL TAD-DRIS BIL-MAKNI** — Ixtarx li l-Gvern ikun jista' jinkarika ruħu minn xi xogħol tad-dris ta' qmuħ bil-makni għall-bdiewa f'Malta u Għawdex ma' tul l-aħħar ħmistax-il-ġurnata ta' dan ix-xahar. Il-makni ġodda li nġiebu dan l-aħħar minn barra mill-Gvern jagħtu qamħ sabiħ u sħiħ u t-tiben ifarrkuh irqiq ħafna. Dawk il-bdiewa li jixtiequ jinqdew b'dawn il-makni għandhom jitolbu jew jiktbu lill-Aġent Suprintendent tal-Qasam tal-Għammieri, u jgħ'du kemm rabq' għandhom bil qamħ għad dris Il qiegħa għandha tkun qrib lejn it-trieq li minnha tkun tista' tgħaddi l-makna. In-nies tax-xogħol għandu jipprovdihom il-bidwi.

**XTIELI TAL-KABOĊĊI MFELFLA.** — Fil-Qasam tal-Għammieri, il-Marsa, bħalissa hemm għall-bejgħ xtieli mlaħħqin ta' Kaboċċi Mfelfla (Savoy) minn żerriegħa Ingliża. Prezz 7s. kull elf xitla. Min irid jixtri jmur isib lill-Inkarikat tal-Gonna tal-Għammieri.

**AVVIŻ LILL-BDIEWA FUQ IL-ĦLAS TAL-PATATA**— Dawk il-bdiewa li ikkunsinnaw il-patata lill-Gvern qabel ma żdied il-prezz li minn £2. 10s. sar £3. 0s. il-qantar, għandhom imorru fil-postijiet imsemmijin hawn taħt nhar il-Ħadd, it-18 ta' dan ix-xahar jew il-Ħadd, il-25 ta' dan ix-xahar fil-postijiet u l-ħinijiet imsemmijin hawn isfel, biex jirċievu d-differenza ta' 10s. fil-qantar li għad fadlilhom jieħdu. Ebda ħlas ma jingħata lilhom jekk il-bidwi ma jurix il-Biljett Ikħal tal-Bliewa.

Mġarr, 7b Misraħ il-Palma — Fit-8 a.m.

San Paul il-Baħar, 58 Trieq San Pawl—Fit-8.30 a.m.

Mellieħa, 65, Trieq il-Parroċċa — Fil-9 a.m.

Żebbuġ, Siġġiewi, Il-Għassa tal-Pulizija, Żebbuġ — Fit-8 a.m.

Żurrieq, Safi, Kirkop, Bengħisa, Birżebbuġa, 4a Sqaq San Dwardu — Fit-8.30 a.m.

Qrendi, Il-Għassa tal-Pulizija, Qrendi — Fid-9 a.m.

Gudja, Għaxaq, Il-Għassa tal-Pulizija, Gudja — Fid-9.30 a.m.

Luqa, Mqabba, Fil-Għassa tal-Pulizija, Luqa, fid-9.45 a.m.— Il-Għassa tal-Pulizija, Mqabba, fit-3 p.m.

Żabbar, Bormla, Wied-il-Għajn, Kalkara, Il-Għassa tal-Pulizija, Żabbar — Fit-8 a.m.

Tarxien, Raħal il-Ġdid, Il-Għassa tal-Pulizija, Tarxien — Fd-9 a.m.

Żejtun, Marsaxlokk, Uffiċċju Distrettwali tal-Biedja—Żejtun — Fit-8.30 a.m.

Birkirkara, Santa Venera, Ħamrun, Uffiċċju Distrettwali tal-Biedja, Dekoz, Trieq in-Naxxar, Birkirkara — Ft-8 a.m.

Msda, Gżira, 3 Misraħ il-Palma, Msida — Fit-8.30 a.m.

San Giljan. Il-Għassa tal-Pulizija. San Giljan — Fis-2 p.m.

Naxxar, Għargħur, Il-Għassa tal-Pulizija, Naxxar — Fis-2 p.m.

Lija, Balzan, Attard, 20 Trieq ir-Rjali — Fit-8 a.m.

Mosta, 10 Trieq il-Pont — Fit-8 a.m.

Qormi, Marsa, Il-Għassa tal-Pulizija, Qormi—Fl-4 p.m.